MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## GINO CAMILLERI

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2014

Appell Civili Numru. 9/2012

**Appell numru 9/12**

**Noel Bonello (KI 288979)**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta' Socjali**

**Il-Qorti**

**Rat** li l-Arbitru tas-Sigurta Socjali taht Att dwar is-Sigurta' Socjali ippronunzja fis-7 ta' Marzu 2012 is-segwenti senteza fil-kawza l-ismijiet premessi:-

***"L-Arbitru***

***Ra l-appell***

***Ra r-risposta***

***Ikkunsidera***

*Illi jirrizulta mill-ispezzjoni maghmula mill-ispetturi ta' kontra l-Frodi li l-fond dikjarat mill-appellant bhala residenza ma kien abitabbli xejn. Kien intiz unikament bhala indirizz registrat mad-Dipartiment biex jippercepixxi l-beneficcju.*

*La kien hemm kumdita', la dawl u ilma. Propjeta' tal-genituri adjacenti ma' taghhom u jghix fil-washroom!*

*L-appell qed jigi michud."*

**Rat** li Noel Bonello gie aggravat bl-imsemmija sentenza u ghalhekk interpona minnha l-presenti appell.

**Rat** ir-rikors tal-Appell tal-istess Noel Bonello fejn gie premess:-

Illi permezz ta' ittra ta' appell fi Frar 2012, l-appellanti Noel Bonello intavola appell mid-decizzjoni tad-Direttur tas-Sigurta Socjali, liema decizzjoni kienet inghatat fis-13 ta' Jannar 2010, stante illi hassu aggravat bid-decizzjoni mehuda fil-konfront tieghu;

Illi permezz ta' decizzjoni ta' l-Arbitru moghtija nhar is-7 ta' Marzu 2012, l-Arbitru cahad l-appell ta' l-esponenti u kkonferma d-decizzjoni zbaljata ghaliex skond l-Arbitru il-fond dikjarat mill-appellant bhala residenza tieghu ma kien abitabbli xejn u li kien intiz unikament bhala indirizz registrat mad-Dipartiment biex jipprecepixxi beneficcju;

Illi l-esponenti hass ruhu aggravate bid-decizzjoni ta' l-Arbitru hekk moghtija, u minnha qieghed permezz tal-prezenti jinterponi dan l-umli appell quddiem din l-Onorabbli Qorti:

Ill l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi l-appellanti ma setax aktar jghix mal-genituri tieghu wara li temm relazzjoni intima mas-siehba tieghu, u fil-fatt kien kera minghandhom nhar is-26 t' Ottubru 2007, fond li jinsab magenb ir-residenza taghhom fl-ammont ta' mitejn Ewro fis-sena;

Illi ghalkemm il-post kellu dawl u ilma, u kien imkahhal u imbajjad, ma kellux madum. Illi pero l-imsemmi post kellu washroom kbira fuq il-bejt li kienet lesta minn kollox inkluz madum, u l-appellanti kien jghix fiha;

Illi jidher li sar rapport anonimu ma' l-ispetturi ta' kontra l-frodi fi hdan id-Dipartiment tas-Sigurta Socjali illi l-appellant ma kienx qieghed jghix fil-post indikat, u cioe 34, Triq id-Dukkar, Haz-Zabbar, u b' effett immedjat inqatghu l-beneficcji tal-qaghad lill-appellanti;

Illi sussegwentment, l-ispetturi ta' kontra l-frodi kienu attendew fil-fond precitat darbtejn, darba ghall-habta tas-sebgha u nofs ta'

filghodu. Dankinhar l-appellanti kien lahaq qam u hareg jimxi, u allura ma kienx prezenti. Omm l-appellanti kienet taghthom in-numru tat-telefon cellulari sabiex icemplulu, u anke dahhlithom fir-residenza ta' l-appellanti. Sussegwentment, huma kienu telqu minn fuq il-post, u regghu attendew ghall-habta tad-disgha ta' filghodu fejn sabu lill-appellanti qieghed jixwi l-hobz;

Illi l-ispetturi la marru fil-bitha tal-fond u lanqas fuq il-bejt, sabiex jivverifikaw jekk l-appellanti kellux servizz ta' l-ilma, pero setghu jaraw facilment illi l-kamra kienet abitabbli u kien fiha sodda u gwardarobba, friskatur u potty,  cupboard u cooker;

Illi dik is-sena stess, l-appellanti kien ibbenefika minn skema mahruga mill-Awtorita tad-Djar sabiex ikun jista' jlesti d-dar li qieghed jirrisjedi fiha, u ffirma kuntratt ma' l-istess Awtorita liema kuntratt huwa datat 3 ta' Mejju 2010. Fil-fatt sa ftit tax-xhur wara, l-imsemmi fond kien tlesta;

Illi d-decizzjoni ta' l-Arbitru wahda negattiva ibbazata fuq il-fatt illi fil-fond fejn jirrisjedi l-appellant ma kienx hemm kumdita, la dawl u lanqas ilma, li kien jghix fi propjeta adjacenti ghal dik tal-genituri tieghu u li kien jghix fil-washroom.

Illi b' kull rispett, is-sentenza mhijiex ampjament spejgata, kif ukoll zbaljata, u dan ghaliex: fl-ewwel lok kien hemm kemm servizz ta' dawl kif ukoll ta' ilma (Dok NB 1); illi lokalmet huwa stat ta' fatt illi eluf ta' familji jghixu jew fil-washroom jew fil-garaxx, jigifieri li l-appellanti jghix fil-washroom mghandhiex tkun xi haga ta' barra minn hawn; di piu, il-fatt li ma kellux kumdita, isegwi bhala konsegwenza li l-appellanti spicca qieghed mix-xoghol;

Illi hekk kif gie affermat fis-sentenza fl-ismijiet Emma Anderson Vs Direttur tas-Sigurta Socjali (Appell Inferjuri Nru 12/2006 - 20/02/2008) Jikkonsegwi logikament illi l-presunzjoni legali relattiva ut sic ma tikkontribwix ghal formazzjoni tal-konvinciment ta' min hu msejjah biex jarbitra fuq il-fattispecje tal-kaz, izda sempliciment

tistabbilixxi certa ripartizzjoni ta' l-oneru tal-prova in kwantu tikkonsidra bhala sussistenti (dejjem salv il-prova kuntrarja) elementi determinant ital-fatt li mieghu u allaccjat certu effett guridiku. Xejn anqas u xejn izjed. Hekk allura meta l-prezunzjoni iuris tantum tghabbi fuq spallejn min hu aggravate li jressaq il-prova kuntrarja, il-prova hekk sottoposta trid necessarjament tigi valutata mill-arbitru jew mill-gudikant, fil-kwadru global ital-provi, u jekk tali prova tnisab li hi wahda adegwata biex tikkontrobatti l-presunzjoni, mahemm xejn x' izomm lil min irid jiddeciedi mili, fil-liberu konvinciment tieghu jakkolji l-prova kuntrarja.(emfasi mizjud)'

Ghal dawn ir-ragunijiet l-appellant qed jitlob li din il-Qorti tirrevoka u thassar id-decizzjoni appellata tal-Arbitru billi jigi dikjarat illi hu ghandu jinghata l-arretrati tal-beneficcji socjali kollha inkluz dawk ghal ghajnuna supplimentar u li jigi dikjarat li l-appellant m'ghandux jirrifondi ebda ammonti ta' flus lill-appellat.

**Rat** ir-risposta tad-Direttur Ġenerali (Sigurtà Soċjali) fejn gie sottomess għar-rikors tal-appell ippreżentat minn Noel Bonello fit-13 ta' April 2012.

Jesponi bir-rispett: -

1. Illi bil-preżenti risposta, l-esponent *qua* appellat ser iwieġeb għar-rikors tal-appell interpost mill-appellant Noel Bonello li permezz tiegħu talab ir-revoka tad-deċiżjoni ta' l-Arbitru datata 7 ta' Marzu 2012 li kkonfermat id-deċiżjoni tad-Direttur datata 13 u 14 ta' Jannar 2010, u ċjoè li m'għadux aktar intitolat għall-għajnuna supplimentari *stante* li d-Direttur mhux sodisfatt li qed jifforma familja ghal rasu u/jew li qed jabita fl-indirizz moghti minnu.

2. Illi in sintesi, l-appell devolut quddiem din l-Onorabbli Qorti huwa mfassal fuq l-aggravju li l-arbitru għamel evalwazzjoni errata tal-provi;

3. Illi l-esponent appellat jirrileva li, permezz ta' dan l-appell interpost, l-appellant qiegħed jistieden lil din l-Onorabbli Qorti biex tierġa' tidħol fuq il-valutazzjoni tal-provi li għamel l-arbitru.

4. Illi fuq dan il-punt jinsab insenjat f'ġurisdprudenza kopjuża li l-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-liberu konvinċiment tal-ġudikant, f'dan il-każ, l-arbitru. Lilu huwa mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura huwa liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu. F'dan l-eżerċizzju l-ġudikant hu limitat biss mill-obbligu naxxenti mill-**artikolu 218 tal-Kap. 12** li jimmotiva r-raġunament tiegħu. Motivazzjoni li jekk tinstab li tikkorispondi mal-loġika u r-razzjonalità allura skont il-ġurisprudenza konkordi ma tistax tiġi disturbata lanqas minn qorti ta' reviżjoni;[1]

5. Illi fuq l-istess tema legali jitnissel minn diversi sentenzi li huwa prinċipju paċifiku li qorti ta' reviżjoni ma tindaħalx, in linea ta' massima, fl-eżerċizzju ta' l-apprezzament diskrezzjonali mit-tribunal ta' l-ewwel grad ħlief meta jkun manifestament eżerċitat ħażin, jew għal xi motivi oħrajn gravi u dan abbażi tal-prinċipju li l-valutazzjoni tal-provi hi kwestjoni rimessa lill-ġudikant fil-mertu tar-riżultanzi probatorji tal-każ, f'dan il-każ, l-arbitru;[2]

---

[1] Fuq din it-tema l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Inferjuri fis-sentenza datata 28 ta' Ġunju 2011 fl-ismijiet **Anthony Vella vs. Direttur tas-Sigurtà Soċjali** saħqet li "*huwa sintomatiku li jingħad li allura d-direttur kien korrett fid-deċiżjoni tiegħu għaliex abbażi tal-fatti hawn indikati l-appellant ma baqax intitolat għall-benefiċċju li kien qed jippretendi u hawn fl-applikazzjoni tal-liġi l-istess Direttur għandu responsabilita` kbira illi josserva ad unguem dawk ir-regoli li jassiguraw f' liema ċirkostanzi setgħet titħallas jew ma titħallasx il-benefiċċju relattiv, u sakemm tiġi applikata l-liġi b' mod ekwu, raġonevoli u uniformi, fil-parametri fuqu mposti bil-liġi, din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament li jkun sar mid-Direttur u/jew mill-Arbitru*". Ara wkoll **Kimberley Joy Agius vs Direttur tas-Sigurtà Soċjali,** App Inf deċiż 6 ta' Ottubru 2010: "*sakemm id-Direttur japplika l-liġi b'mod raġonevoli u ekwu ma huwiex leċitu illi l-Arbitru u lanqas din il- Qorti illi tissindika l-grad ta' prova li kienet neċessarja biex tissodisfa lid-direttur, jew lill-Arbitru warajh, li tali prova kinet laħqet il-grad rikjest mil-liġi*"; **Frances Dalli vs Direttur tas-Sigurtá Soċjali**, App Inf deċiż 23/05/2008; **Charles Bonaci vs Direttur tas-Sigurta` Socjali**, App Inf deċiż 9 ta' April 2001; u **Anthony Vella vs Direttur tas-Sigurtà Soċjali**, App Inf deċiż 28 ta' Ġunju 2011.

[2] Fis-sentenza mogħtija fl-20 ta' Frar 2009 fl-ismijiet **Avv. Dr. Louis Cassar Pullicino nomine vs. Angelo Xuereb nomine et** l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (sede inferjuri) irribadiet li "*il-Qorti ta' l-Appell, bħala qorti ta' reviżjoni, ma tindaħalx, in linea ta' massima, fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti ħlief meta jkun manifestament eżerċitat ħażin, jew għal xi motiv ieħor gravi (Ruth Spiteri v. Emanuel Vella noe, Appell Ċivili Nru. 798/2000 deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-5 ta' Marzu 2003, )*". Fis-sentenza **John Mary sive Jimmy Vella noe vs. Bernard Hotel Limited** deċiża fis-17 ta' Ottubru 2008 l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) irritenit li "*Hu prinċipju paċifiku illi Qorti ta' reviżjoni ma tindaħalx, in linea ta' massima, fl-eżerċizzju ta' l-apprezzament diskrezzjonali mit-tribunal ta' l-ewwel grad "ħlief met jkun manifestament eżerċitat ħażin, jew għal xi motive ieħor gravi" ("Elena Magri et –vs- Rosaria Borg", Appell Ċivili, 10 ta' Frar 1961). Teżisti raġuni għal dan il-prinċipju. L-eżami tad-dokumenti u tad-deposizzjonijiet fuq l-attendibilità u l-kredibilità tal-provi, l-individwazzjoni u l-għażla ta' dawk fosthom li jitqiesu l-aktar idoneji biex isostnu l-motivazzjoni, jinvolvu apprezzament ta' fatt rizervat lill-ewwel tribunal fil-meritu. Kif frekwentement ritenut,*

6. Illi d-direttur appellat mill-ewwel jasserixxi li min qari tad-deċiżjoni appellata ma jirriżultax li l-motivazzjoni mogħtija mill-arbitru li wasslitha għall-konklużjoni tagħha kienet b'xi mod illoġika jew manifestament żbaljata u dan għal raġunijiet hawn esposti:

   a. li l-appellant applika għall-Allowance Supplimentari fl-20 ta' Marzu 2009 fejn fl-imsemmija applikazzjoni huwa ddikjara li qed jgħix fi proprjetà mikrija fl-indirizz 34, Niger, Triq id-Dukkar, Zabbar u li m'għandu l-ebda proprjetà jew riżorsi kapitali oħra;
   b. li minn investigazzjoni kondotta fid-9 ta' Novembru 2009 fis-7:05 ta' filgħodu mill-Ispettorat fi ħdan id-Direttorat (Frodi ta' Benefiċċji u Investigazzjoni) ġewwa l-fond 34, Niger, Triq id-Dukkar, Żabbar li fih l-appellant kien iddikjara li qed jirrisjedi, rriżulta li l-appellant ma kienx fl-imsemmi fond;
   c. li għalhekk l-ewwel żjara ġiet ggwidata mill-ġenituri ta' l-appellant li kif raw l-ispetturi ħarġu minn ġo ħanut biswit il-fond imsemmi bl-isem ta' Niger Store u ġew ikellmuhom. Dawn stqarrew li dan il-ħanut huwa tagħhom, li huma joqogħodu fil-bieb li jmiss man-naħa l-oħra ta' dan l-istore u li kellhom aċċess għall-imsemmi fond dikjarat mill-appellant bħala r-residenza tiegħu;
   d. li f'din l-ewwel żjara ħareġ li l-fond m'huwiex wieħed abitabbli tant li kien għadu ġebel u saqaf għajr il-*washroom* li allavolja kien fiha madum, sodda, żewġ komodini kontenenti 4 pari żraben ta' l-irġiel, gradenza kontenti ħwejjeġ ta' taħt ta' sess maskili, bank tal-kċina u sink fiha kif ukoll *table cooker*, la kien hemm vit ta' l-ilma, la fridge u lanqas ma kien hemm kamra tal-banju fid-dar;
   e. madankollu, l-ispetturi ma waqfux hawn fl-ispezzjoni tagħhom iżda infurmaw il-ġenituri ta' l-appellant li se jerġgħu jgħaddu aktar tard mal-ġurnata sabiex ikellmu lill-appellant;
   f. meta reġgħu wasslu fil-post, l-ispetturi sabu lill-appellant. Dan kkonferma mal-ispetturi li l-bejt ta' l-imsemmija dar 34, Niger, Triq id-Dukkar, Zabbar jinfed mal-bejt tad-dar tal-ġenituri tiegħu u li għandu arloġġ tad-dawl għalih;
   g. li f'investigazzjoni ulterjuri li l-ispetturi għamlu mal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma (WSC) nstab li fl-imsemmi fond, s-servizz ta' l-ilma ma jeżistiex filwaqt li konsum ta' dawl ma kien hemm xejn mit-23 ta' Mejju 2008 (iġifieri min qabel mal-appellant ssottommetta l-applikazzjoni

---

*hu proprju l-ewwel tribunali li kellu l-opportunità li jevalwa l-provi prodotti, il-komportament tal-partijiet u x-xjhieda tagħhom meta ddeponew quddiemu, u għex l-iter tal-proċess fil-vari fażijiet tiegħu."*

tiegħu mad-dipartiment tas-sigurta soċjali għall-Għajnuna Supplimentari) sal-ġurnata ta' l-ispezzjoni tant li l-aħħar 3 readings li kienu saru mill-WSC fit-23 ta' Mejju 2008, 25 ta' Novembru 2008 u 3 ta' Ġunju 2009 kollha kienu jaqraw l-istess ammont;

h. mhux hekk biss iżda f'din l-istess investigazzjoni ħareġ ukoll li filwaqt li fl-indirizz 34, Niger, Triq id-Dukkar, Żabbar ma hemmx persuni reġistrati li qegħdin jieħdu xi sussidju, l-appellant qiegħed flimkien ma żewġ persuni oħra jieħu sussidju fuq l-indirizz 116, Bonello, Triq il-Biċċieni Sqaq Nru. 5, Zabbar;

i. li d-dokumenti ppreżentati mill-appellant fosthom kopja ta' dak li jidher li huwa ktieb tal-kera bejn l-appellant u l-ġenituri tiegħu kif ukoll dokumenti mill-Awtorità tad-Djar, inkluż kuntratt iffirmat bejn l-istess Awtorità u l-appellant Noel Bonello datat 3 ta' Mejju 2010, bl-ebda mod ma jagħmluh li qed jirrisjedi b'mod uffiċjali, regolari u permanenti f'dak l-indirizz. Dan iktar u iktar jekk fl-applikazzjoni magħmula mll-appellant taħt l-Iskema maħruġa mill-imsemmija Awtorità huwa għamel dikjarazzjoni jew ta informazzjoni mhux korretta bħal ma jirriżulta li għamel fl-applikazzjoni għall-Allowance Supplimentari mad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali;

j. li *in aggiunta*, il-fattura (invoice) ta' kont tad-dawl datat 9 ta' Frar 2006 li l-appellant ippreżenta quddiem l-arbitru huwa irrelevanti stante l-imsemmi kont ikopri l-perjodu bejn it 13 ta' Ġunju 2005 u s-16 ta' Novembru 2005, ċjoè iktar minn 3 snin qabel ma' l-appellant applika għall-allowance supplimentari imsemmija u li għalhekk ma jagħti l-ebda indikazzjoni li l-appellant kien jirrissjedi fl-imsemmi fond fil-mument tal-imsemmija applikazzjoni tiegħu mad-Dipartiment u fil-perjodu sussegwenti;

k. li għaldaqstant, ai termini anke tas-sentenza kkwotata mill-appellant stess fir-rikors ta' l-appell intavolat minnu u ċjoè **Emma Anderson vs Direttur tas-Sigurtà Soċjali** (appell Inferjuri Nru 12/2006, 20/02/2008) id-dokumenti ppreżentati mill-appellant bħala prova biex jikkontrobatti l-presunzjoni iuris tantum inkombenti fuqu ma humiex adegwati, lanqas effettivi u fuq kollox, konkludenti tant li, ġustament, fil-liberu konvinċiment ta' l-arbitru dawn ma mmeritawx akkoljiment;

7. Illi in vista tal-premess m'hemmx dubju li l-arbitru ssodisfa l-obbligu tal-motivazzjoni taħt l-**artikolu 218 tal-Kap. 12** b'mod intelliġibbli u koerenti mal-elementi tal-provi attendibbli[3] kif ukoll fehem sewwa l-portata tal-kwistjoni li

[3] Kif korrettement enunċjat fis-sentenza deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet **Joseph Mercieca vs Water Services Corporation** datata 27 ta' Frar 2009, *"f'adempiment ta' l-obbligu tal-motivazzjoni l-ġudikant mhux tenut li joqgħod jagħmel apprezzament singolari tar-rizultanzi kollha proċesswali jew tal-punti kollha ta' dritt iżda suffiċjenti li hu jindika l-elementi li fuqhom ikun qiegħed jiffonda d-deċiżjoni tiegħu"*. Din il-

kellu quddiemu li wasslitu biex jiċħad l-appell intavolat mill-appellant fuq ir-raġuni li "*mill-ispezzjoni magħmula mill-ispettur ta' kontra l-Frodi …l-fond dikjarat mill-appellant bħala residenza ma kien abitabbli xejn. Kien intiż unikament bħala indirizz reġistrat mad-Dipartiment biex jipperċepixxi l-benefiċċju. La kien hemm kumdità, la dawl u ilma. Proprjetà tal-ġenituri adjaċenti ma tagħhom u jgħix fil-washroom*". Isegwi għalhekk li Noel Bonello ma jistax jiddisturba l-apprezzament diskrezzjonali li għamel l-Arbitru;

8. Illi oltre dan u mingħajr preġudizzju għal dak fuq riferit, l-esponent appellat jirrileva li l-fattura tal-kont maħruġa mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma (WSC) ippreżentata mill-appellant konstestwalment mar-risposta tal-appell hija inammissibli. Fl-ewwel lok għaliex l-appellant messu *se mai* ppreżenta l-imsemmi dokument fil-proċeduri quddiem l-arbitru. Fit-tieni lok għaliex l-imsemmi kont tad-dawl jakkolla l-ħanut Niger *self-service* u mhux il-fond 34, Niger, Triq id-Dukkar, Żabbar li huwa l-fond mertu tal-każ odjern;

9. Illi di più u in konklużjoni ma dak diġa affermat mill-esponent appellat, jiġi rilevat li l-ispjegazzjoni mogħtija mill-appellant fir-risposta ta' l-appell ippreżentat minnu hija għal kollox inverosimili intiża bl-iskop li tiġi alterata. Ċertament ma jistax jingħad li l-appellant kien qed jirrisjedi fl-imsemmi fond meta dan m'huwiex wieħed abitabbli tant li huwa nieqes minn *appliances* bażiċi, m'għandux is-servizz tal-ilma waqt li s-servizz tad-dawl f'dan il-fond ilu ma jiġi kkunsmat mit-23 ta' Mejju 2008;

10. Illi attiżi dawn il-konsiderazzjonijiet u l-prinċipji legali, jitnissel li l-aggravju devolut lil din l-Onorabbli Qorti permezz tar-rikors tal-Appell interpost mill-appellant ma huwiex attendibbli u ġustifikat u għalhekk għandu jiġi respint.

Ghalhekk l-appellat qed jitlob li din il-Qorti tirrespinġi u tiċħad l-appell imressaq mill-appellant u b'hekk tikkonferma d-deċiżjoni appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.

**Rat** l-atti l-ohra bkollha tal-appell, kif ukoll l-atti kif kompilatifil-proceduri quddiem l-Arbitru.

---

fehma ġiet ukoll affermata mill-Qorti ta' l-Appell kolleġġjali fis-sentenza **Frank P. Borg Limited vs Joseph Camilleri** deċiża fit-28 ta' Mejju 2010;

**Rat** id-dokumenti kollha esibiti.

**Semghat** it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

**Rat** il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Novembru 2012 minn fejn jirrizulta li l-partijiet qabblu li t-trattazzjoni li saret fil-presenti proceduri tghodd ukoll ghall-appell numru10/12 (DSS) li ser jigi deciz ukoll illum u dan stante li dan l-ahhar appell hu bejn l-istess partijiet u ghandu l-istess meritu.

**Rat** li l-appell gie differit sabiex tinghata s-sentenza.

**Ikkonsidrat:-**

Ili l-appellant isostni illi d-deċiżjoni appellata hija żbaljata. L-Arbitru kien iddeċieda fis-7 ta' Marzu 2012 illi l-fond dikjarat mill-appellant bhala residenza tieghu ma kien abitabbli xejn u li kien intiz unikament bhala indirizz registrat mad-Dipartiment biex jipprecepixxi beneficcju.

Illi fl-aggravji tiegħu, l-appellant jissottometti li huwa kien kera mingħand il-ġenituri tiegħu l-fond li jinsab ma genb ir-residenza tal-istess genituri tieghu ghall-ammont ta' mitejn euro fis-sena. Dan il-fond jġib numru 34, Triq id-Dukkar, Haz-Zabbar. L-appellant jgħid ukoll illi dan il-post kien jonqsu biss il-madum, u jsostni illi huwa kien fil-fatt jgħix ġewwa fih.

Illi l-appellanti jgħid illi minkejja illi forsi fil-post in kwistjoni ma kienx fih kumditatjiet ta' dawl u ilma, huwa kien jgħix fil-washroom, fejn kien hemm dawn is-servizzi.

Illi minn n-naħa tiegħu, l-appellat Direttur Ġenerali tas-Sigurta Soċjali jibda sabiex jgħid illi din il-Qorti ma tistax tidħol fuq il-valutazzjoni tal-provi illi għamel l-arbitru.

Illi din il-Qorti tagħmel referenza għal-sentenza tal-_**QORTI TA' L-APPELL** tal-15 ta' Gunju, 2011, Appell Civili - Ghawdex Numru. 82/2000/1, **Paul Buttigieg vs Anglu Saliba et,** fejn ġie ritenut – *"Illi dwar it-tieni aggravju jinghad li dan huwa effettivament ilment dwar l-apprezzament ta' provi jew il-mod kif l-istess Qorti uzat id-diskrezzjoni taghha dwar l-ezami tal-provi sabiex waslet ghad-decizjoni li tilqa' t-talba attrici u hawn in-norma hija li din il-Qorti, bhala Qorti tal-Appell mhux normali li tiddisturba dan l-apprezzament hlief meta dan ikun manifestament zbaljat u/jew ghar-ragunijiet gravi, b'mod li jkun jista' jinghad li a bazi tal-provi prodotti, l-Ewwel Qorti ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, b'dan li tkun ser issir ingustizzja lejn il-partijiet fil-kawza.*

Imbagħad il-**QORTI TA' L-APPELL,** Seduta tas-6 ta' Mejju, 2011, Appell Civili Numru. 1672/1998/1 **Perit John M. Gambina v. Fithome Ltd,** irreteniet – *"Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti tirrileva li, kif stabbilit fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza **Frendo et v. Agius et** tas-7 ta' Ottubru, 2008, u diversi sentenzi ohra, illi huwa principju ben stabbilit li l-Qorti tal-Appell, bhala qorti ta' revizjoni, bhala regola ma ghandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fl-apprezzament li hija tkun ghamlet tal-provi migbura minnha stess. Infatti huwa principju stabbilit li l-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Qorti tal-ewwel istanza jekk din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet, legalment u ragonevolment, tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Il-Qorti tal-Appell, bhala norma tiddisturba l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk ikun jidhrilha, wara ezami akkurat tal-provi li tkun ghamlet, li dak l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti kien manifestament zbaljat b'mod li jekk jithalla jibqa' jregi tkun*

*sejra ssir ingustizzja ma' xi parti jew oħra. Minn ezami tal-provi kif ukoll is-sottomissjonijiet tal-partijiet din il-Qorti hija sodisfatta li l-apprezzament li sar mill-ewwel Qorti kien wieħed gust."*

Din il-Qorti taqbel ma' dak illi jgħid l-appellat u iżżid illi bhala qorti ta' revizjoni hija ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Arbitru, li quddiemu jkunu ngabru l-provi kollha, għajr jekk ma jkunx kaz ta' zball manifest li jista' jissarraf f'ingustizzja ghal xi parti.

Jirriżulta mill-applikazzjoni illi l-appellant applika għall-Allowance Supplimentari fl-20 ta' Marzu 2009. Kwindi jibda sabiex jiġi osservat illi ma humiex rilevanti il-kontijiet a fol 4 u 5 illi jkopru l-perjodu Lulju sa' Settembru 2007 u Mejju sa' Novembru 2008. Din il-Qorti tagħmel riferenza biss għal Statement of Account datat 12 ta' Novembru 2009, u minn ħarsa lejn dan jirriżulta illi l-konsum kien żero wara Marzu tal-2009, illi hija d-data minn meta l-appellant applika għal, u beda jieħu, l-Allowance Supplimentari. Dan ċertament huwa indikattiv illi l-appellant ma kienx qiegħed jabita f'dak l-indirizz, lanqas fil-*washroom* tal-istess post, kif jallega huwa, wara illi applika għall-Allowance Supplimentari. Persuna li tgħix regolari u permanenti f'indirizz ċertament illi jkollha tagħmel użu mis-servizzi tad-dawl u tal-ilma f'dak l-indirizz. Peress illi l-fatt illi l-appellant ikun jirrisjedi għal rasu fl-inidrizz mogħti fuq l-applikazzjoni huwa rekwiżit għal dan l-Allowance Supplimentari, kwindi ma hemm xejn żbaljat fid-deċiżjoni tal-Arbitru illi jikkonferma t-twaqqif ta' tali Allowance lill-appellanti, stante illi dan ma kienx residenti f'dak l-indirizz.

Kwindi la jirriżulta li hemm xi zball lampanti u manifest fid-deċiżjoni tal-Arbitru u anzi jirriżulta li għab-bażi tal-provi prodotti, l-arbitru wasal għall-konklużjoni illi huwa raġonevolment seta' jasal għaliha. Kwindi din il-Qorti mhijiex sejra tiddisturba l-apprezzament tal-provi mil-arbitru u d-diskrezzjoni tiegħu.

**L-appell ma jreġix u għandu jiġi miċħud għaliex infondat u bla ebda bażi.** Il-presenti sentenza tgħodd ukoll għal appell imsemmi appell numru 10/2012 kif inghad aktar il-fuq f'din il-presenti sentenza.

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddeciedi billi tichad u tirrespinġi l-appell tal-appellant Noel Bonello u fl-istess hin tikkonferma "in toto" d-deċiżjoni mogħtija mil-Arbitru fis-7 ta' Marzu 2013, fl-ismijiet premessi.

L-ispejjeż kollha ta' dan l-appell jithallsu mil-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------